

31982R3115

L 327/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.11.1982

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3115/82
tat-22 ta' Novembru 1982**

li jemenda għall-10 darba r-Regolament (KEE) Nru No 2730/81 li jistabbilixxi lista ta' aġenziji fil-pajjiżi importaturi li mhumiex membri li jistgħu jgħorġu sejħa għal offerti fis-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1183/82 ⁽²⁾, u partikolarment Artikoli 13(3) u 17 (4) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2730/81 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru No 3019/82 ⁽⁴⁾, stabilixxa lista ta' aġenziji fil-pajjiżi importaturi mhux membri li jistgħu jgħorġu stedina għal offerti fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

Billi fid-dawl ta' l-informazzjoni l-aktar riċenti disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-prattiċi tal-kummerċ segwiti mill-pajjiżi

importaturi interessati u n-natura uffiċjali ta' l-aġenziji fil-kwistjoni, dan ir-Regolament għandu jiġi emendat;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma in konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2730/81 huwa emendat kif ġej:

Il-lista ta' organizzazzjonijiet tal-ħruġ għandha timtela biż-żieda ta' l-organizzazzjonijiet li ġejjin, bid-dħul isir skond l-ordni alfabetiku tal-pajjiż importatur:

Pajjiż importatur

Organizzazzjoni tal-ħruġ

L-Eġittu

Il-Kumpannija Eġizzjana Farmaċewtika tal-Kummerċ,
23 Triq Abdul Kahalech Sarwaat,
Il-Kajr.
BISCOMISR,
El Fawah – El Triq Amyria,
Il-Kajr.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1982.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 140, ta' l-20.5.1982, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 272, tas-26.9.1981, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠU L 317, tat-13.11.1982, p. 8.